IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2013
COM(2013) 903 final

2013/0437 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja

2013/0437 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Kroazja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri għandhom jevitaw li jkollhom defiċits eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbità tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) taħt l-Artikolu 126 TFUE, kif kjarifikata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[1] (li tagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PDE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009[2] jistipula regoli u definizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll.

(4) Skont l-Artikolu 126(5) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun jeżisti, jew li jista' jkun hemm, defiċit eċċessiv fi Stat Membru, hija għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kunsill kif jixraq. Wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Kroazja. Il-Kummissjoni għaldaqstant indirizzat tali opinjoni lill-Kroazja u infurmat lill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2013[3].

(5) L-Artikolu 126(6) TFUE jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jesprimi qabel ma jieħu deċiżjoni, wara

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
2 ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1-9.
3 Id-dokumenti kollha marbuta mal-PDE għall-Kroazja jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/deficit/countries/croatia_en.htm.

evalwazzjoni ġenerali, jekk ikunx jeżisti deficit eċċessiv. Fil-każ tal-Kroazja, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(6) Skont ir-reviżjoni tal-baġit tal-2013 u l-abbozz tal-baġit tal-2014[4] adottati mill-gvern u mibgħuta lill-Parlament fl-14 ta' Novembru 2013, l-awtoritajiet Kroati jippjanaw deficit tal-amministrazzjoni pubblika ta' 5,5% tal-PDG għall-2013, wara 5% tal-PDG fl-2012, u jistennew li l-proporzjon jibqa' l-istess fl-2014 u jonqos biss gradwalment fl-2015 u fl-2016. It-tbassir tal-Ħarifa tal-2013 tal-Kummisssjoni, rilaxxat fil-5 ta' Novembru, ibassar li d-deficit tal-amministrazzjoni pubblika se jkun b'mod sinifikanti 'l fuq mil-valur referenzjarju ta' 3% tal-PDG fit-Trattat sa mill-2013, li jitla' 'l fuq minn 6% tal-PDG fil-perjodu 2013-2015 fin-nuqqas ta' miżuri kompensatorji. Kif indikat fir-rapport tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 126(3) TFUE, id-deficits ippjanati u previsti huma 'il fuq u mhux viċin il-valur referenzjarju tat-Trattat. L-eċċess fuq il-valur referenzjarju jista' jkun ikkonsidrat bħala eċċezzjonali fis-sinifikat tal-PST. B'mod partikolari, jirriżulta parzjalment minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fis-sens tal-PST. L-attivita ekonomika hija stmata li ċkienet bi kważi 12% mill-quċċata li kienet laħqet fl-2008. Il-PDG reali huwa previst li jkompli jonqos aktar fl-2013, bi rkupru żgħir mistenni biss fl-2014. It-tkabbir fil-prodott potenzjali, kif stmat mis-servizzi tal-Kummissjoni skont il-metodu maqbul komunement staġna fl-2009, sar negattiv fl-2010, u baqa' negattiv minn dak iż-żmien 'l hawn. Id-differenza kkalkulata fir-rendiment, li ilha negattiva mill-2009, hija mistennija li tonqos gradwalment fuq il-perjodu tal-previżjoni iżda tibqa' negattiva matul l-2015, li jikkonferma l-profondità u l-estensjoni tar-riċessjoni. Madankollu, l-eċċess ippjanat fuq il-valur referenzjajru ma jistax jitqies bħala temporanju fis-sens tal-PST. Skont it-tbassir tal-awtoritajiet u t-tbassir tal-Ħarifa tal-2013 tal-Kummissjoni d-deficit tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' b'mod sinifikanti 'l fuq mill-valur referenzjajru fl-2014 u fl-2015 ukoll. Ir-rekwiżit li jikkonċerna l-kriterju tad-deficit tat-Trattat għalhekk mhuwiex imwettaq.

(7) Fl-abbozz tal-baġit tal-2014, il-gvern ibassar żieda fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG minn 58,1% fl-2013 għal 62% fl-2014 li jkompli tiela' għal 64,1% fl-2015 u 64,7% fl-2016. Dawn il-figuri huma kemmxejn ogħla minn dawk fil-Linji Gwida Ekonomiċi u tal-Politika Fiskali ta' Settembru 2013, fejn il-gvern ippreveda li l-proporzjon tad-dejn jilħaq 56,6% fl-2013, u 60,6%. 63,4% u 65,3% fl-2014, fl-2015 u fl-2016 rispettivament. Fit-tbassir tal-Ħarifa tal-2013 tal-Kummissjoni, it-tbassir għall-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa 59,7% għall-2013. Dwar politiki mhux mibdula, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jitla' 'l fuq minn 60% fl-2014, biex b'hekk jaqbeż is-60% tal-valur referenzjarju tal-PDG fit-Trattat. Skont informazzjoni disponibbli bħalissa l-ħruġ ta' bonds iddenominat f'USD f'Novembru 2013 iwassal il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika biex jitla' 'il fuq mil-limitu ta' 60% diġà sa mill-2013. L-Artikolu 2(1a) tar-Regolament 1467/97 jistipula li r-rekwiżit taħt il-kriterju tad-dejn ikun ikkonsidrat ukoll bħala mwettaq jekk it-tbassir baġitarju tal-Kummissjoni jindika li t-tnaqqis meħtieġ fil-valur differenzjali fir-rigward tal-valur referenzjarju jseħħ matul il-perjodu ta' tliet snin inklużi s-sentejn wara s-sena finali li għaliha jkun hemm dejta disponibbli. It-tbassir tal-awtoritajiet u tal-Kummissjoni juri li l-proporzjon tad-dejn ħa xejra 'l fuq

[4] L-abbozz tal-baġit mhuwiex ippreparat skont il-metodoloġija tal-ESA 95. L-istimi tad-deficit għall-2009-2012 ibbażati fuq l-ESA95 huma bejn 1,5 u 3,3 punti perċentwali ogħla minn dawk irrappurtati skont il-metodoloġija nazzjonali. Id-differenzi prinċipalment joħorġu mill-fatt li ċ-ċifri tad-deficit skont l-ESA95 jinkludu ċerti pagamenti ta' garanziji, assunzjonijiet tad-dejn u r-rimbors tad-dejn lill-pensjonanti.

minħabba defiċits għolja kontinwi u attivita ekonomika dgħajfa u huwa mistenni jibqa' hekk sa fejn jista' jkun previst. Għalhekk il-punt ta' riferiment tad-dejn u r-rekwiżit tat-Trattat li jikkonċerna l-kriterju tad-dejn mhumiex imwettqa.

(8) B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fit-Trattat, il-Kummissjoni analizzat ukoll "fatturi rilevanti" fir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE. Kif speċifikat fl-Artikolu 2.4 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, għal pajjiżi bi proporzjon tad-dejn ogħla mill-valur referenzjajru, dawn il-fatturi jistgħu jiġu kkunsidrati biss fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar il-konformità mal-kriterju tad-defiċit jekk id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jibqa' viċin tal-valur referenzjarju u jekk l-eċċess tiegħu fuq il-valur referenzjarju huwa temporanju, li mhuwiex il-każ għall-Kroazja. Dawn il-fatturi rilevanti, b'mod partikolari r-riċessjoni profonda u fit-tul, kontra l-isfond ta' kundizzjonijiet esterni li mhumiex ta' appoġġ, ittieħdu in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni ta' konformità mal-kriterju tad-dejn. Ma jimmodifikawx il-konklużjoni li l-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex imwettaq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Kroazja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President